**13 ta' Jannar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Dionisio *sive* Dennis Micallef

**Mewt ta' xhud**

*Għalkemm huwa veru li meta jmut xhud fil-mori tal-kawża, xi ftit jew wisq tista' taggrava lill-akkużat, huwa importanti però li wieħed iżomm f'moħħu li din il-kwistjoni tqum għax l-akkużat, fil-kors tal-kumpilazzjoni ma jkunx eżerċita d-dritt li għandu li jikkontro-eżamina lil dak ix-xhud. Id-dritt li jsir tali kontro-eżami huwa*

*hemm u jekk l-akkużat jagħżel it-triq - li del resto hija komuni ħafna fil-prattika - li ma jikkontro-eżaminax lix-xhud ikun ha riskju u ma jistax jilmenta jekk issegwi l-mewt ta' dak ix-xhud qabel ma jkun jista' jagħmillu l-kontro-eżami. Id-desposizzjonijiet mogħtija fil-kumpilazzjoni għandhom ukoll valur probatorju f'ġuri jekk bħal f'dan il-każ tissuċċiedi l-mewt tax-xhud qabel ma jkun jista' jixhed, jew jekk ma jinstabx, partikolarment jekk ikun siefer u ntilfu t-traċċi tiegħu jew tagħha. Una volta l-posizzjoni legali hija kif inhi, jekk id-difiża tiddeċidi li tieħu r-riskju ma tistax imbagħad tilmenta minn vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu ta'* fair hearing.

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali ta' l-20 ta' Mejju, 1996 li taqra kif ġej:

"Rat l-Att ta' Akkuża Numru 9/95;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat kif ukoll in-nota li biha indika x-xhieda in difeża, it-tnejn ippreżentati fil-21 ta' Awissu, 1995;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Awissu, 1995 li biha ta avviż ta' l-eċċezzjoni ta' l-ammissibbilità ta' provi u senjatament l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tax-xhieda Monica Micallef, Dr. Peter Muscat u s-Supritendent ta' l-Isptar San Luqa jew rappreżentant tiegħu kif ukoll l-inammissibilità tad-"dokumenti indikati mill-istess fil-konfront ta' dawn it-tliet xhieda";

Rat is-sentenza tagħha ta' l-1 ta' Marzu, 1996 li biha din il-Qorti ddeterminat il-proċedura li għandha tiġi segwita għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni ta' l-akkużat ċjoè l-eċċezzjoni ta' l-

inammissibilità tad-deposizzjoni ta' Yvonne Agius, *fis-sens illi* ippermettiet mhux biss li l-akkużat jittratta ulterjorment dwar din l-eċċezzjoni iżda ukoll li jġib provi biex jekk irid juri li l-imsemmija Yvonne Agius, *meta* xehdet *fl-istruttorja*, *ma kinitx* f'sensieha għall-finijiet u fis-sens ta' l-artikolu 629 tal-Kodiċi Kriminali. F'dik is-sentenza din il-Qorti spjegat is-sinifikat ta' l-espressjoni "f'sensih" (*of sound mind* fit-test Ingliż) fis-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi, semgħet ukoll ix-xhieda prodotti mill-akkużat *fl-udjenza tas-16* ta' April, 1996, ikkunsidrat: Bis-sentenza tal-lum din il-Qorti ser tiddeċidi definittivament dwar l-eċċezzjonijiet kemm ta' l-akkużat kif ukoll ta' l-Avukat Ġenerali;

L-ewwel eċċezzjoni ta' l-akkużat taqra hekk:

"Illi d-difiża hi sprovvista *milli tagħmel kontro-eżami ta'* żewġ xhieda prinċipali u ċjoè lil Lawrence Azzopardi u Yvonne Agius, stante li dawn illum mietu";

B'din l-eċċezzjoni l-akkużat qed jippretendi li *din il-Qorti* tiddeċidi li d-deposizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ xiehda, *mogħtija fil-kors ta' l-Istruttorja*, m'għandhomx jinqraw, u dan minħabba li dawn illum mietu u *għalhekk ma jistgħux jiġu* kontro-eżaminati;

Din il-Qorti tara li din l-eċċezzjoni hi assolutament bla bażi. L-artikolu 646 (2) (b) jippermetti espressament li "x-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba ittieħdet bil-ġurament matul il-kumpilazzjoni, skond il-liġi, tista' tinġieb bħala *prova*" fil-kors tal-ġuri jekk, fost affarijiet oħra "fiż-żmien tal-kawża x-xhud ikun mejjet". Kull xhud prodott fil-kors ta' l-istruttorja jista'

jiġi kontro-eżaminat mill-parti l-oħra - l-akkużat jew il-prosekuzzjoni skond il-każ - però jekk dik il-parti l-oħra tagħżel li ma tikkontro-eżaminax lil dak ix-xhud, ma tistax imbagħad tippretendi li għax miet id-deposizzjoni tiegħu ma tkunx tista' tinqara fit-termini ta' l-artikolu msemmi. Naturalment tista' tkun differenti s-sitwazzjoni li kieku l-parti l-oħra titlob li tikkontro-eżamina lix-xhud - okkorrendo anke bl-applikazzjoni ta' l-artikoli 405 u 406 tal-Kodiċi Kriminali - u tiġi impeduta kontra l-liġi milli tagħmel hekk. Is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 597 tal-Kodiċi Kriminali jipprospetta addirittura n-nullità ta' l-att ta' akkuża fil-każ tar-rifjut tal-Qorti Istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; u ċertament il-kontro-eżami ta' xhud tal-proskeuzzjoni jammonta ukoll għal "prova" miġjuba mill-imputat. Minn dan kollu, però, f'dan il-każ ma hemm xejn, u għalhekk din il-Qorti ma tistax ħlief tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' l-akkużat;

It-tieni eċċezzjoni ta' l-akkużat taqra hekk:

"Illi x-xhieda (*recte*: xiehda) ta' Yvonne Agius mhix ammissibbli stante li l-istess persuna ma kinitx f'kundizzjoni li tixhed u dan kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet";

Din l-eċċezzjoni ġiet diġa' fil-parti l-kbira tagħha ttrattata minn din il-Qorti fis-sentenza ta' l-1 ta' Marzu, 1996, għall-liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni. F'dana l-istadju jibqa' biex jiġi deċiż biss jekk mill-provi prodotti din il-Qorti għandhiex teskludi d-deposizzjoni ta' l-imsemmija Yvonne Agius għar-raġuni li din ma kinix f'sensieha fis-sens ta' l-artikolu 629 meta ddeponiet quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti ma tista' ssib xejn, la fid-deposizzjonijiet mogħtija quddiemha fl-udjenza tas-16 ta' April, 1996 u lanqas fl-atti ta' l-Istruttorja, li b'xi mod remotament

jistgħu jagħtu indikazzjoni li meta l-imsemmija Agius iddeponiet quddiem l-Ewwel Qorti hi ma kinitx f'sensieha fis-sens ta' l-imsemmi artikolu. Għalhekk din it-tieni eċċezzjoni ta' l-akkużat qed tiġi ukoll respointa;

L-Avukat Ġenerali min-naħa tiegħu qed jeċċepixxi l-inammissibilità tax-xhieda Monica Micallef, Dr. Peter Muscat u s-Supritendent ta' l-Isptar San Luqa jew rappreżentant *tiegħu* kif ukoll tad-"dokumenti indikati mill-istess fil-konfront ta' dawn it-tliet xhieda" u dan peress li, skond l-Avukat Ġenerali, "*minn imkien ma jidher li d-depoiszjoni tagħhom hi jew tista'* tkun relevanti għall-meritu tal-każ". Kif ġie ripetutament deċiż minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kwistjonijiet ta' relevanza ta' provi, a *differenza* ta' eċċezzjonijiet verament ta' ammissibilità, għandhom jiġu deċiżi fil-kors tal-ġuri u mhux f'dan l-istadju preliminari. Il-Qorti ma tarax għala Monica Micallef, Dr. Peter Muscat u s-Supritendent ta' l-Isptar San Luqa jew rappreżentant tiegħu mhumiex ammissibbli u frankament anqas *tifhem kif tista'* aprioristikament tiddikjara l-oġġett tal-prova kif iddikjarat mill-akkużat għar-rigward ta' l-istess xhieda bħala rrilevanti. Ċertament l-istat mentali, jew il-*forma mentis*, jew l-*istato d'animo* ta' l-akkużat fil-mument ta' l-inċident jista' jkun relevanti għall-fini ta' xi wieħed mill-kapi ta' l-att ta' akkuża. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali qed tiġi respinta;

Għall-motivi premessi din il-Qorti <u>tirrespinġi l-eċċezzjonijiet kollha ssollevati</u>, *ċjoè kemm dawk issollevati* mill-akkużat kif ukoll l-eċċezzjoni ta' inammissibilità ta' provi ssollevata mill-Avukat Ġenerali u tordna l-prosegwiment tal-kawża";

Minn dik is-sentena, interpona appell l-akkużat permezz ta' rikors ippreżentata fit-23 ta' Mejju, 1996 *li bih talab li din il-*

*Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata* in kwantu biha l-Ewwel Onorabbli Qorti rrespinġiet l-eċċezzjonijiet ta' l-inammissibilità ta' provi ssollevata mill-Avukat Ġenerali u tirrevokaha in kwantu ċaħdet u rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tiegħu billi tilqa' l-istess;

Din il-Qorti rat ukoll is-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti ta' *l-1 ta' Marzu, 1996 li għal kull buon fini qed tiġi* ukoll riprodotta hawn taħt għal kull rilevanza li jista' jkollha u biex l-appell odjern jiftiehem aħjar. Dik is-sentenza taqra hekk:

"Rat l-Att ta' Akkuża numru 9/95;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat kif ukoll in-nota li biha indika x-xhieda in difeża, *it-tnejn ippreżentati fil-21* ta' Awissu, 1995;

*Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-25* ta' Awissu, 1995 li biha ta avviż ta' l-eċċezzjoni ta' l-ammissibilità ta' provi u senjatament l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tax-xhieda Monica Micallef, Dr. Peter Muscat u s-Supritendent ta' l-Isptar San Luqa jew rappreżentant tiegħu kif *ukoll l-inammissiblità* tad-"dokumenti indikati mill-istess fil-konfront ta' dawn it-tliet xhiea";

Semgħet lill-partijiet fl-udjenzi tat-12 ta' Ottubru, 1995 u tat-8 ta' Jannar, 1996, kif ukoll rat in-noti ta' osservazzjonijiet ta' l-akkużat u ta' l-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Ottubru, 1995 u 2 ta' Novembru, 1996 rispettivament, *ikkunsidrat:*

L-ewwel eċċezjoni ta' l-akkużat hi fformulata b'dan il-*mod:*

"Illi d-difiża hi sprovvista milli tagħmel kontro-eżami ta' żewġ xhieda prinċipali u ċjoè lil Lawrence Azzopardi u Yvonne Agius, stante li dawn illum mietu";

Kif redatta din l-eċċezzjoni presumibbilment tfisser - u mit-trattazzjoni ta' l-abbli difensur ta' l-akkużat hekk jidher li l-akkużat jifhem li għandha tfisser - *li deposizzjoni ta' dawn iż-żewġ* xhieda mogħtija fil-kors ta' l-istruttorja llum ma tistax tinqara fil-ġuri għax dawn, una volta li għaddew għal ħajja oħra, ma jistgħux jiġu aktar kontro-eżaminati;

It-tieni eċċezzjoni taqra hekk:

"Illi x-xhieda (*recte:* xiehda) ta' Yvonne Agius mhix ammissibbli stante li l-istess persuna ma kinitx f'kundizzjoni li tixhed u dan kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet";

Din it-tieni eċċezzjoni hi, għalhekk, waħda ta' ammissibilità ta' prova - f'dan il-każ l-ammissibilità tad-deposizzjoni ta' din Agius mogħtija fil-kors ta' l-istruttorja - għar-raġuni li, kif spjegat fin-nota ta' l-akkużat tat-23 ta' Ottubru, 1995, din ma kinitx *sana di mente*. L-akkużat qed jikkontendi li din hi kwistjoni li trid tiġi ddeterminata <u>qabel</u> il-ġuri u dan għad-diversi raġunijiet imsemmija fin-nota tiegħu, liema raġunijiet din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tirrepetihom. L-Avukat Ġenerali, mill-banda l-oħra, jikkontendi (1) li ġaladarba din xehdet fl-Istuttorja u ma tqajmet ebda eċċezzjoni f'dak l-istadju, allura d-deposizzjoni tagħha ġa' ġiet ammessa u għandha tinqara fil-kors tal-ġuri, u (2) li l-kwistjoni tal-*forma mentis* ta' din ix-xhud hi kwistjoni ta' fatt u mhux ta' dritt li jitħalla fid-diskrezzjoni tal-ġurati bħal kull prova oħra dwar l-affidabilità o meno ta' kull xhud. La l-akkużat u anqas l-Avukat Ġenerali ma għamlu referenza għal xi ġurisprudenza fuq

dan il-punt;

L-artikolu 629 (1) tal-Kap. 9 jgħid li "Kull min hu f'sensih *jista' jinġieb bħala xhud, jekk ma jkunx hemm xi eċċezzjoni* kontra l-kompetenza tiegħu". Mela, pre-rekwiżit sabiex xhud jiġi ammess biex jixhed hu li dak ix-xhud, fil-mument li jkun ser jixhed, ikun f'sensih (*of sound mind* fit-test Ingliż). Din l-espressjoni *of sound mind*, użata fil-kuntest ta' l-ammissibilità ta' xhud, ma tfissirx, però, li dak ix-xhud (jew aħjar, xhud *potenzjali) ma* jistax ikun affett minn mard mentali, anke mard mentali li jista' jaffettwa l-perċezzjoni tiegħu tal-fatti jew il-memorja ta' dawk il-fatti. Hu risaput li kemm il-perċezzjoni tal-fatti kif ukoll il-memorja ta' dawk il-fatti, anke f'xhieda li mhumiex morda mentalment, jistgħu jiġu affetwati minn diversi ċirkostanzi bħal għejja, *stress*, jew *shock*. Dawn, però, jibqgħu ċirkostanzi ta' fatt li jinċidu fuq il-kredibilità tax-xhud li jkun u mhux fuq l-ammissibilità tiegħu. Fuq l-iskorta tal-liġi Ingliża, li hi l-fonti tad-diversi disposizzjonijiet fil-Kodiċi tagħna dwar ix-xhieda (ara **Carmela Vella** *vs* **Adreana Camilleri**, Appell Kriminali, 15/5/37, Vol. XXIX.IV.703), l-espressjoni *of sound mind* f'dan il-kuntest ifisser li x-xhud (potenzjali) irid ikun jifhem in-natura u l-importanza tal-ġurament. Kif jingħad fi *Blackstone's Criminal Practice* (Murphy, P., ed., Blackstone Press Ltd. (London, 1991) f'paġna 1736 a rigward ta' *persons of unsound mind*:

"*If, in the opinion of the judge, a proposed witness does not understand the nature of the oath, he is incompetent to testify. In Hill (1851) 2 Den CC 254, a trial for manslaughter, a patient of a lunatic asylum who laboured under the delusion that he was surrounded by a number of spirits which were continually talking to him, but who nonetheless had a clear apprehension of the obligation of the oath, was held competent to give evidence for the prosecution. As in the case of children, the modern test of the competence of a mentally handicapped*

*person is secular; the question is not whether he understands the divine sanction of the oath, but whether he has a sufficient appreciation of the solemnity of the occasion, and the added responsibility to tell the truth, which is involved in taking an oath, over and above the duty to tell the truth which is an ordinary duty of normal social conduct (Bellamy 1985) 82 Cr App R. 223). Where a mentally handicapped person does give evidence, it is left to the jury to attach to his evidence such weight as they see fit. If his evidence is so tainted with insanity as to be unworthy of credit, it is the proper function of the jury to disregard it and not to act upon it (Hill (1851) 2 Den 254)*";

Il-Qorti tara li din il-posizzjoni hi perfettament konsona mal-liġi tagħna. Infatti, s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 629 ikompli jgħid hekk:

"Il-Qorti tfisser lix-xhud l-importanza *tal-ġurament*, meta jkollha dubbju jekk ix-xhud, minħabba l-eta' jew għal xi raġunijiet oħra, jafx b'dik l-importanza; u jekk, għalkemm tagħmillu dan if-tifsir, il-Qorti jkun jidhrilha meħtieġ illi x-xhud, qabel ma jixhed, għandu jiġi mgħarraf aħjar fuq il-konsegwenzi ta' xiehda falza, hija tista', jekk fil-fehma tagħha x-xiehda ta' dak ix-xhud tkun importanti għall-finijiet tal-ġustizzja, tħalli l-kawża għal ġurnata oħra, u, jekk dan il-każ jiġri fil-Qorti Kriminali, tħoll il-ġuri" (sottolinear ta' din il-Qorti);

Ma hemm xejn x'jindika li l-espressjoni "jew għal xi raġunijiet oħra" m'għandhomx jinkludu l-istat mentali tax-xhud. Huwa veru li din id-disposizzjoni jidher li ġiet eżaminata biss in konnessjoni mal-kwistjoni ta' l-eta' tax-xhud li jkun (ara, per eżempju, **Il-Pulizija *vs* Giuseppi Bonnici**, App. Krim., 28/3/49, Vol. XXXIII.IV.850); kif ingħad, il-partijiet ma rriferew għal ebda ġurisprudenza; però din il-Qorti hi tal-fehma li din hi

l-interpretazzjoni korretta li għandha tingħata għall-espressjoni *of sound mind* fl-artikolu 629 (1). Jiżdied, a skans ta' ekwivoċi, li s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija** *vs* **Giuseppa Arena** (1/7/46, Vol. XXXII.IV.1019), li din il-Qorti eżaminata ukoll, mhix ta' għajnuna f'dan *il-każ*, għax *dik* is-sentenza kienet tirrigwarda prinċipalment id-demenza ta' l-akkużata fil-mument tal-kawża, ċjoè l-inkapaċità tagħha li tikkontesta l-ġudizzju minħabba d-demenza u biss b'mod ferm inċidentali kienet saret referenza għall-espressjoni "kull min hu f'sensih" fl-artikolu *629 (1) (allura l-artikolu 625 tal-Kodiċi* Kriminali);

Anqas ma hemm dubbju li l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tad-deposizzjoni ta' Yvonne Agius minħabba l-*allegata demenza tagħha tista' titqajjem f'dana l-istadju skond l-*artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali, u dana minkejja li din ix-xhud xehdet fl-istruttorja u f'dak l-istadju ma kienet ġiet ivventilata ebda eċċezzjoni simili. Naturalment, din il-Qorti għandha tifhem - u sa dan l-istadju ma ngħatat ebda raġuni għala għandha *tifhem mod ieħor - li din l-eċċezzjoni mhux qed* titqajjem kapriċċosament jew sempliċment biex jitwalu l-proċeduri;

Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, qabel ma tiddeċidi dwar xi waħda *mill-eċċezzjonijiet issollevati kemm mill-akkużat kif* ukoll mill-Avukat Generali, din il-Qorti tifhem li għandha tagħti l-opportunità lill-akkużat sabiex jittratta ulterjorment u fid-dawl ta' dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, dwar it-tieni eċċezzjoni tiegħu, okkorrendo ukoll billi jinstemgħu xhieda f'dan ir-rigward. *Il-Qorti tagħmilha ċara, però,* li f'każ li din il-Qorti ma tilqax din it-tieni eċċezzjoni, dawn ix-xhieda, kemm-il darba ma jkunux dawk indikati fin-nota ta' l-akkużat tal-21 ta' Awissu, 1995, ma jkunux jistgħu jiġu prodotti fil-kors tal-ġuri sabiex jimpunjaw il-kredibilità jew l-attendibilità tad-deposizzjoni in kwistjoni, salv dejjem dak li jipprovdi l-artikolu

440 tal-Kap. 9. U dan qed jingħad ukoll bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni ta' l-akkużat;

Il-kawża qed tiġi għalhekk *iddifferita għall-imsemmija* trattazzjoni ulterjuri u okkorrendo provi, għal nhar it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 1996 *fis*-2.30 p.m."

Dwar l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-interpretazzjoni tradizzjonali, *skorrettament ċaħditlu l-eċċezzjoni tiegħu billi ikkonkludiet li* la d-difiża ma għamlet l-ebda kontro-eżami u stante li l-artikolu 646 (2) (b) tal-Kodiċi *Kriminali* (Kap. 9) *jippermetti li* d-deposizzjoni tax-xhieda tista' tinġieb bħala prova kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament *matul il-kumpilazzjoni* u tista' tinqara fil-ġuri meta l-persuna li tkun tat dik ix-xiehda tkun mietet nel frattemp, ma kien hemm xejn validu legalment fis-sottomissjoni tiegħu. Lawrence Azzopardi, però fil-każ odjern kien l-uniku xhud li jitfa' xi dawl fuq dak li ġara u x-xiehda tiegħu m'għandhiex tinqara peress li l-ġurati mhux ser ikollhom l-opportunità li jiflu l-istess fid-dawl ta' l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u di piu', peress li l-interpretazzjoni tal-Qorti u l-artikoli li fuqhom qed tibbaża din l-istess interpretazzjoni imorru kontra d-dritt fondamentali ta' kull akkużat, kif sanċit fil-kostituzzjoni ta' Malta;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti biex ma ttawwalx għalxejn, għal dik li hija posizzjoni legali, ma tarax li għandha tagħmel ħaġ'oħra ħlief li tirreferi għal dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata fir-rigward tal-problema li neċessarjament tinqala' meta xhud li jkun iddepona fil-kumpilazzjoni u li ma jkunx ġie kontro-eżaminat mid-difiża fil-kors tax-xhieda tiegħu imut qabel ma jkun jista' jiddeponi *viva voce* fil-ġuri. Dak li qalet l-

Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward huwa korrett u din il-Qorti mhux ser iżżid fuqu;

L-appellant però issolleva l-aspett kostituzzjonali tal-kwistjoni li din il-Qorti qed teħodha in konsiderazzjoni għall-fini ta' referenza una volta l-kwistjoni tqajmet f'dawn il-proċeduri, dan hu dak li tikkontempla l-liġi u din il-Qorti hija fid-dover li tagħmel r-refrenza opportuna ħlief jekk jirriżultalha li t-tqajjim ta' dik il-kwistjoni huwa wieħed frivolu u vessatorju;

F'dan ir-rigward, din il-Qorti tara li ftit għandha xi tgħid. Infatti, għalkemm huwa veru li *sitwazzjoni bħal din meta* tinqala' fi proċeduri kriminali xi ftit jew wisq tista' taggrava lill-akkużat, huwa *importanti però li qiegħed iżomm f'moħħu li* din il-kwistjoni tqum għax l-akkużat, fil-kors tal-kumpilazzjoni, ma jkunx eżerċita d-dritt li għandu li *jikkontro-eżamina lil dak* ix-xhud. Id-dritt li jsir tali kontro-eżami huwa hemm u jekk l-akkużat jagħżel it-triq - li *del resto* hija komuni ħafna fil-prattika - li ma jikkontro-eżaminax lix-xhud ikun ħa riskju u ma jistax jilmenta jekk issegwi l-mewt ta' dak ix-xhud qabel ma jkun jista' jagħmillu l-kontro-eżami. Jekk imbagħad, kif fil-fatt tipprevedi l-liġi, dik id-deposizzjoni (tax-xhud li jkun miet) tinqara fil-kors tal-ġuri, din il-Qorti ma tara assolutament xejn li jistona mal-prinċipji basiċi tal-ġustizzja. L-appellant mhux korrett fis-sottomissjoni tiegħu illi x-xhieda mogħtija fil-kumpilazzjoni sservi biss biex l-Avukat Ġenerali jkun jista' jespleta l-funzjoni tiegħu ta' prosekutur. Id-deposizzjonijiet mogħtija fil-kumpilazzjoni għandhom ukoll valur probatorju f'ġuri jekk bħal f'dan il-każ tissuċċiedi l-mewt tax-xhud qabel ma jkun jista' jixhed, jew jekk ma jinstabx, partikolarment jekk ikun siefer u ntilfu t-traċċi tiegħu jew tagħha. Una volta l-posizzjoni legali hija kif inhi, jekk id-difiża tiddeċidi li tieħu r-riskju ma tistax imbagħad tilmenta *minn vjolazzjoni* tad-drittijiet fondamentali tiegħu ta' *fair hearing*. Fil-fehma ta' din

il-Qorti, għalhekk, it-tqajjim ta' din il-kwistjoni huwa kemm frivolu kif ukoll vessatorju u għalhekk mhix ser issir riferenza;

Kwantu jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni tiegħu, ċjoè dik relattiva għax-xhud Yvonne Agius, *li milli tista' tifhem din il-Qorti* ukoll mietet fil-mori tal-kawża, l-appellant jissottometti illi *mix*-xiehda li l-Ewwel Onorabbli Qorti semgħet fis-16 ta' April, 1996, hemm altru milli prova illi probabbilment l-istess Yvonne Agiust kienet dementi fis-sens li ma kinitx f'sensiha meta ddeponiet quddiem il-Qorti ta' Istruttorja;

M*ill-banda l-oħra però, hemm is-sentenza appellata li fiha* l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet "Din il-Qorti ma tista' ssib xejn, la fid-deposizzjonijiet mogħtija quddiemha fl-udjenza tas-16 ta' April, 1996 u lanqas fl-atti ta' l-Istruttorja, li b'xi mod remotament jistgħu jagħtu indikazzjoni li meta l-imsemmija Agius iddeponiet quddiem l-Ewwel Qorti hi ma kinitx f'sensiha fis-sens ta' l-imsemmi artikolu";

Hu ovvju li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-unika ħaġa li tista' tagħmel din il-Qorti hija *li tħalli l-valutazzjoni ta' din il-*kwistjoni f'idejn min verament għandu d-dritt u l-funzjoni li jiddeċidiha skond il-liġi, ċjoè f'idejn il-ġurati;

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata.